MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2000

Citazzjoni Numru. 137/1999/1

**Salvu u Flavia konjugi Cassar .**

**VS**

**Euro Components Ltd .**

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara illi ppremettew :

Illi fi trattativi li huwa kellu mal-konvenut sabiex jixtri minn ghandu xi tankijiet tal-fuel u l-accessorji taghhom, l-attur ftiehem li kellu jixtri dawn it-tankijiet versu l-prezz ta' elf u mitejn lira Maltija (LM1200), li kellhom jithallsu kwantu ghal l-ewwel seba' mitt lira kellhom jigu pacuti ma' kreditu dovut lill-istess attur ghal trasport ta' oggetti minn Ghawdex ghal Malta, u kwantu ghar-rimanenti hames mitt lira Maltin (LM500) kellhom jithallsu cash .

Illi l-attur kien hallas dawn il-hames mitt lira (LM500) lis-socjeta’ konvenuta .

Illi s-socjeta’ konvenuta nonostante dan bieghet dawn l-istess oggetti mertu ta’ dawn it-trattattivi lil haddiehor u cioe’ lil Maurice Borg .

Illi b’zewg sentenzi separati t-tnejn decizi fl-erbgha (4) ta’ Dicembru, ta’ l-elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997) fl-ismijiet Salvu Cassar vs Charles Ebejer et nomine U Maurice Borg vs Charles Ebejer et. nomine rispettivament, gie deciz minn din l-Onorabbli Qorti illi nonostante l-prezz imhallas lis-socjeta’ konvenuta l-bejgh kien gie konkjuz mhux ma l-attur izda ma’ Maurice Borg, u ghalhekk il-flus imhallsa minn l-attur gew hekk imhallsa indebitament .
Illi l-attur kien ta’ servizz ta’ trasport u garr ta’ oggetti bejn iz-zewg gzejjer lis-socjeta’ konvenuta versu l-prezz ta’ seba’ mitt lira Maltija (LM700) li kellhom jigu pacuta in parti ma’ l-oggetti li kienu ser jinbieghu, u ghalhekk peress illi dan il-bejgh ma sarx l-attur ghadu ma thallasx din is-somma .

Illi ghalhekk s-socjeta’ konvenuta ghandha taghti lill-attur is-somma globali ta’ elf u mitejn lira Maltija (LM1200) dovuti kif fuq inghad .

Illi fil-fehma ta’ l-attur dan id-debitu huwa wiehed cert likwidu u dovut u s-socjeta’ konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet xi tqanqal u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti tista’ tipprocedi ghas-sentenza ai termini ta’ l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u Procedura Civili bid-dispensa tas-smiegh .

Illi l-attur ghamel mandat ta’ sekwestru f’idejn Maurice Borg li minn naha tieghu ddepozita l-flus li skond hu kienu f’idejh, fil-Qorti permezz ta’ cedola li ggib in-numru 356/98 . U ghalhekk il-konvenut Assistent Registratur tal-Qrati qed jigi citat ghal l-ahjar integrita tal-gudizzju, fl-eventwali sbank ta’ dawn il-flus .

Talbu lil konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex :

1. Taqta' u tiddecidi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta .

2. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri fil-konfront ta' l-atturi, fis-somma ta' elf u mitejn lira Maltija (LM1200) dovuti kif fuq inghad .

3. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta sabiex thallas dawn l-ammonti lill-attur kif fuq dovuti .

4. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta sabiex thallas ukoll l-imghaxijiet dovuti sad-data tal-hlas effettiv .

5. Tordna r-rilaxx tal-flus depozitati fic-cedola 356/98 in pagament ta' dan il-kreditu dovut lill-attur .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri spediti u tal-mandat fuq imsemmi, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti debitament imharrka ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi skond il-ligi, debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Flavia Cassar ghall-atturi .

Rat ukoll id-dokumenti annessi mal-istess citazzjoni, u cioe' l-affidavit esebit bhala dokument A, li huwa affidavit tal-istess Flavia Cassar, .
Rat ir-riferta pozittiva tas-socjeta' konvenuta, illi saret permezz tal-procedura stipulata fil-ligi u cioe' bil-pubblikazzjoni tal-avviz fil-gazzetta tal-gvern, kif ukoll f'wahda mill-gazzetti lokali, kif ukoll bil-procedura tal-afflissjoni . Is-socjeta' konvenuta giet ghalhekk debitament notifikata ghal finijiet tal-ligi, bic-citazzjoni, kif ukoll bl-appuntament ghas-smiegh ta' din il-kawza; pero' fis-seduta tal-lum hadd ma kien prezenti ghas-smiegh ta' din il-kawza .

Il-Qorti, ghal hekk, u wara li rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, u peress illi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddecidi din il-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici, tiddikjara l-konvenuti debituri fil-konfront tal-atturi fis-somma ta' elf u mitejn lira maltija (LM1200), dovuti kif inghad fic-citazzjoni ;

Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta sabiex thallas dawn l-ammonti lill-atturi, tikkundanna wkoll lill-istess socjeta' konvenuta thallas l-imghaxijiet dovuti sad-data tal-hlas effettiv .

Tordna wkoll ghal hekk ir-rilaxx tad-depozitu li sar permezz tac-cedola numru : 356/98 in pagament ta' dan il-kreditu dovut lill-attur .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri spediti, u tal-mandat imsemmi fic-citazzjoni, kollox kontra s-socjeta' konvenuta .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------